

32001R2432

L 338/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

20.12.2001

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2432/2001
ta' l-20 ta' Novembru 2001**

li jemenda u jaġġorna r-Regolament (KE) Nru 1334/2000 li jstabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll ta' esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġija b'żewġ użi

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitá Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Taħt ir-Regolament (KE) Nru 1334/2000 ⁽¹⁾, oġġetti b'żewġ użi (inklużi *s-software* u t-teknoloġija) għandhom jiġu kkontrollati b'mod effettiv meta dawn jiġu esportati mill-Komunitá.
- (2) Sabiex l-Istati Membri u l-Komunitá jkunu jistgħu jaderixxu ma' l-irbit internazzjonali tagħhom, l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2000 jstabbilixxi l-lista komuni ta' oġġetti u teknoloġija b'żewġ użi msemmija fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament li jimplementa kontrolli fuq oġġetti u teknoloġija b'żewġ użi miftiehma internazzjonalment inklużi l-Arranġament Wassenaar, Ir-Reġim ta' Kontroll ta' Teknoloġija tal-Missili (MTCR), il-Grupp ta' Fornituri Nukleari (NSG), il-Grupp Awstralja u l-Konvenzjoni dwar Armi Kimiċi (CWC).
- (3) L-Artikolu tar-Regolament (KE) Nru 1334/2000 jipprovdi għall-aġġornar ta' l-Anness I u ta' l-Anness IV u ta' kull modifika tagħhom, skond l-obbligazzjonijiet u l-irbit rilevanti, li kull Stat Membru aċċetta bħala membru ta' reġimi internazzjonali ta' *non-proliferation* u arranġamenti ta' kontroll fuq l-esportazzjoni, jew b'ratifikazzjoni ta' trattati internazzjonali rilevanti.
- (4) Sabiex jiġu kkunsidrati l-bidliet adottati mis-sessjoni plenarja ta' l-Arranġament Wassenaar l-1 ta' Diċembru 2000, mis-sessjoni plenarja tal-Grupp Awstralja l-5 ta' Ottubru, mis-sessjoni plenarja tar-Reġim ta' Kontroll ta' Teknoloġija tal-Missili t-13 ta' Ottubru 2000, u mill-Grupp ta' Fornituri Nukleari t-23 ta' Ġunju 2000, l-Annessi I u IV iridu jiġu modifikati.
- (5) Sabiex referenzi jiġu ffaċilitati għall-awtoritajiet u operatori ta' kontroll fuq l-esportazzjoni, trid tiġi ppublikata u

aġġornata verżjoni konsolidata ta' l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1334/2000, b'kunsiderazzjoni ta' l-emendi aċċettati mill-Istati Membri f'fori internazzjonali tul is-sena 2000.

- (6) Fl-istess ħin, huwa xieraq, għall-kajrezza, li r-referenzi fir-Regolament (KE) Nru 1334/2000 lir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Ġunju 1993 li jstipula disposizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarji ⁽²⁾, jiġu adattati.
- (7) Ir-Regolament (KE) Nru 1334/2000 għandu jiġu emendat kif xieraq.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1334/2000 huwa permezz tal-preżenti emendat kif ġej:

- (a) fl-Artikolu 14, il-kliem "Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 463 sa' 470 u 843 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93" għandhom jinbidlu b' "Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 843 u 912a sa' 912g tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93";
- (b) l-Annessi għandhom jinbidlu bl-Annessi ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Din ir-regola għandha tiġi fis-seħħ fit-tletin ġurnata mill-pubblikazzjoni tagħha fil-ġurnal uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

⁽¹⁾ ĠU L 159, 30.6.2000, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 458/2001 (ĠU L 65, 7.3.2001, p. 19).

⁽²⁾ ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 2787/2000 (ĠU L 330, 27.12.2000, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, l-20 ta' Novembru 2001.

Għall-Kunsill

Il-President

A. NEYTS-UYTTEBROECK

ANNEX I

LISTA TA' OĠĠETTI U TEKNOLOĠIJA B'ŻEWĠ UŻI
(imsemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1334/2000)

*ANNEX II***AWTORIZZAZZJONI ĠENERALI TA' L-ESPORTAZZJONI KOMUNITARJA Nru EU001****(imsemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1334/2000)**

—

ANNEX IIIa

(MUDELL TAL-FORMULA)

—

*ANNEX IIIb***ELEMENTI KOMUNI GĦALL-PUBBLIKAZZJONI TA' AWTORIZAZZJONIJIET ĠENERALI FUQ
L-ESPORTAZZJONI****(imsemmija fl-Artikolu 10(3))**

—

ANNEX IV

(Lista msemmija fl-Artikolu 21(1) tar-Regolament (KE) Nru 1334/2000)
